MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 9 ta' Frar 2022**

**Kumpilazzjoni numru 151/2022CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah**
**(Passaport Libjan JFGGYH9)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** li ġie akkużat talli bejn l-ewwel (01) ta' Jannar 2022 u s-sebgħa (07) ta' Frar 2022, f'diversi ħinijiet differenti fil-Gżejjer Maltin:

1. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioè il-Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D mid-digriet datat sittax (16) ta' Diċembru 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
   Artikolu 579 (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex id-depożitu u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat, u dan ai termini tal-Artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reat in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta il-ħtija tiegħu. Minn dak relatat mill-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta li l-imputat naqas li jiffirma tliet darbiet, intlemaħ darba barra wara l-ħin tar-rinkażar u wkoll naqas li jidher quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Jannar 2022.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat bil-kundanna ta' multa u li parti biss mill-ammont depożitat jiġi konfiskat. Illi l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ordnatx li l-imputat jerġa' jiġi ri-arrestat u għalhekk il-Qorti mhux se tkun qed tordna r-ri-arrest tal-imputat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579 (1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500) filwaqt li qiegħda tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta is-somma ta' elf ewro (€1000) mis-somma mpoġġija bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest tal-imputat kif degretat permezz ta' digriet tas-16 ta' Diċembru 2021.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt

Deputat Reġistratur